MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 362/2007

Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera **Asia Pacific Breweries Limited**, kumpannija inkorporata f'Singapore, ta' 21-00 Alexandra Point, 438 Alexandra Road, 119958 Singapore

**vs**

**BORG AND AQUILINA LIMITED** (C 496), ta' 185 Old Bakery Street, Valletta

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-attur nomine fit-28 ta' Marzu, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-*portfolio* ta' *trademarks* famuzi "TIGER", registrati f'hafna gurisdizzjonijiet madwar id-dinja dwar prodotti ta' birra u ohrajn relatati;

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni man-negozju taghha fil-prodotti taghha "TIGER" u mat-*trademarks* taghha relattivi ghall-istess;

Illi prezentement, is-socjeta' attrici tinsab fil-process ta' applikazzjoni ghar-registrazzjoni f'Malta tat-*trademarks* taghha "TIGER" (kelma) u "TIGER" (tikketta), u f'dan ir-rigward fl-20 ta' Marzu 2006 u fit-22 ta' Marzu 2006 rispettivament hija pprezentat l-applikazzjonijiet relattivi quddiem il-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali, u dan dwar is-segwenti prodotti u cioe' "*beers; mineral and aerated waters and other non-alcoholic drinks, fruit drinks and fruit juices; syrups and other preparations for making beverages*", li jaqghu fi klassi 32 ta' l-Klassifikazzjoni Nternazzjonali ta' Prodotti u Servizzi;

Illi tali applikazzjonijiet ma jistghux jintlaqghu mill-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali minhabba l-fatt li fuq ir-Registru ta' *Trademarks* ta' Malta kien gie registrat fl-4 ta' Frar 1998 izda b'effett mit-8 ta' Lulju 1997, *trademark* f'isem is-socjeta' konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni 27336 – "TIGER", u dan dwar l-istess serje ta' prodotti u fl-istess klassi tal-Klassifikazzjoni Nternazzjonali ta' Prodotti u Servizzi. Din ir-registrazzjoni kienet giet ippubblikata fl-20 ta' Marzu 1998 fil-harga numru 16594 tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta;

Illi madankollu, fil-perjodu ta' hames snin wara d-data tat-temm tal-procedura ta' registrazzjoni tat-*trademark* numru 27336 – "TIGER", ma sar ebda uzu genwin tieghu f'Malta minn naha tas-socjeta' konvenuta jew bil-kunsens taghha, ghar-rigward ta' l-oggetti li dwarhom tinsab registrata, u ma hemmx ragunijiet xierqa ghaliex ma sarx tali uzu. Ghaldaqstant ghal dan il-kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artiklu 42(1)(a) ta' l-Att ta' l-2000 dwar it-*Trademarks*, Kapitlu 416 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta;

Illi s-socjeta’ attrici ghandha nteress li tistitwixxi dawn il-proceduri stante li minhabba r-registrazzjoni ta’ t-*trademark* numru 27336 – TIGER fuq ir-Registru ta’ t-*Trademarks* ta’ Malta, l-istess socjeta’ attrici qed tigi mpedita milli tottjeni r-registrazzjoni fl-istess Registru, tat-*trademarks* taghha bin-numri ta’ applikazzjoni 44938 – TIGER (kelma) u 44948 – TIGER (tikketta) rispettivament;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab lis-socjeta konvenuta ghar-ragunijiet premessi tghid ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

(1) tirrevoka r-registrazzjoni ta’ t-*trademark* numru 27336 – “TIGER”.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta, li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur nomine;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta tat-28 ta’ Gunju 2007 li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta ippruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif dedotta fir-rikors guramentat u ghaldaqstant tirrevoka r-registrazzjoni ta’ t-trademark numru 27336 – “TIGER”.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------